

32000R2092

4.10.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 249/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2092/2000**tat-28 ta' Settembru 2000****li jipprojbixxi l-importazzjoni tat-tonn ta' denbu blu ta' l-Atlantiku (*Thunnus thynnus*) li joriġina fil-Belize, il-Honduras u l-Guinea Ekwatorjali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-riżorsi tas-sajd, li huma riżorsi naturali li jista' jispiċċa, iridu jitħarsu fl-interessi tal-bilanċi bijoloġiċi u s-sigurtà dinjija ta' l-ikel.
- (2) Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku (ICCAT), li tiegħu il-Komunità Ewropea hija Parti, adottat, fl-1994, Pjan ta' Azzjoni sabiex tiżgura l-effettività tal-programm tal-konservazzjoni tat-tonn ta' denbu blu ta' Atlantiku kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni ta' l-1996 li tirrigwarda l-konformità fis-sajd tat-tonn ta' denbu blu u tal-pixxispad tat-tramuntana ta' l-Atlantiku, sabiex tiżgura l-konservazzjoni effettiva tat-tonn ta' denbu blu ta' l-Atlantiku u l-infurzar tagħha.
- (3) Il-ħażna involuta ma tistax tiġi mmaniġġjata b'mod effettiv mill-partijiet kontrattanti ta' l-ICCAT, li s-sajjieda tagħhom iridu jnaqqsu l-qbid tagħhom tat-tonn ta' denbu blu ta' l-Atlantiku, sakemm il-partijiet mhux kontrattanti jikkoperaw ma' l-ICCAT u jikkonformaw mal-miżuri ta' konservazzjoni u l-maniġġjar tagħha.
- (4) L-ICCAT, identifikat lill-Belize, lill-Honduras u lill-Guinea Ekwatorjali bħala pajjiżi li l-bastimenti tagħhom jistadu għat-tonn ta' denbu blu Atlantiku f'manjiera ta' preġudizzju għall-miżuri ta' konservazzjoni ta' l-organizzazzjoni li tikkonserva l-ispeċje, filwaqt li tissostanzja l-konklużjonijiet tagħha b'informazzjoni li tirrigwarda l-qbid, il-kummerċ u l-osservazzjoni tal-bastimenti.
- (5) L-ICCAT, ppruvat tinkoraġġixxi lit-tliet pajjiżi sabiex iħarsu l-miżuri għall-konservazzjoni u l-maniġġjar tat-tonn ta' denbu blu ta' l-Atlantiku iżda dan ma serva għal xejn..
- (6) L-ICCAT ordnat lill-partijiet kontrattanti sabiex jieħdu l-miżuri xierqa għalbiex jissoktaw jipprojbixxu l-importazzjoni mill-Belize u mill-Honduras u għalbiex

jintroduċu projbizzjoni fuq l-importazzjoni mill-Guinea Ekwatorjali tal-prodotti tat-tonn ta' denbu blu ta' l-Atlantiku f'kull għamla; dawn il-miżuri jridu jitneħħew kif jinstab illi l-pajjiżi involuti qegħdin iħarsu l-miżuri ta' l-ICCAT, fis-sajd tagħhom; dawn il-miżuri jridu għaldaqstant jiġu implimentati mill-Komunità, li għandha l-unika kompetenza f'dan il-qasam.

- (7) Il-ICCAT, għarfet il-kooperazzjoni mtejba fil-konservazzjoni tat-tonn ta' denbu blu ta' l-Atlantiku mal-Panama; il-ICCAT, fil-laqgħa annwali tagħha fl-1999 irrakkomandat li titneħħa l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni, applikata mill-partijiet kontrattanti kontra l-Panama, tal-prodotti mit-tonn ta' denbu blu ta' l-Atlantiku f'kull għamla.
- (8) Huwa meħtieġ li jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 1435/98⁽¹⁾ li japplika projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni kontra l-Belize, il-Honduras u l-Panama rigward it-tonn ta' denbu blu u l-prodotti minnu.
- (9) Dawn il-miżuri jaqblu ma' l-obbligi tal-Komunità skond ftehimijiet internazzjonali oħra,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Huwa hawnhekk ipprojbit ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tat-tonn ta' denbu blu ta' l-Atlantiku (*Thunnus thynnus*) tal-kodiċi tan-NK ex 0301 99 90, 0302 39 11, 0302 39 91, 0303 49 21, 0303 49 23, 0303 49 29, ex 0303 49 90, ex 0304 10 38, ex 0304 10 98, ex 0304 20 45, ex 0304 90 97, ex 0305 20 00, ex 0305 30 90, ex 0305 49 80, ex 0305 59 90, ex 0305 69 90, ex 1604 14 11, ex 1604 14 16, ex 1604 14 18 u ex 1604 20 70 li joriġina fil-Belize, fil-Honduras u fil-Guinea Ekwatorjali.

2. Huma hawnhekk ipprojbit it-tniżżil l-art tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 bl-iskop tat-transitu fil-Komunità.

⁽¹⁾ ĠU L 191, tas-7.7.1998, p. 13.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-kwantitajiet tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1), li joriġinaw fil-Guinea Ekwatorjali, li jistgħu jintwerew li jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, li kienu fuq triqthom lejn il-Komunità fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu u li jiġu rrilaxxjati fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa mhux aktar tard minn 14-il jum wara din id-data.

L-Artikolu 3

Ir-Regolament (KE) Nru 1435/98 huwa hawnhekk imħassar.

L-Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara li jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Settembru 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

D. VAILLANT
